NAHDMU FLIMKIEN BIEX NIBDEW PROĠETT TA' RESTAWR TA' DIN IL-KNISJA

# IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-PORTU SALVU



**Insibu l-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu, li hi magħrufa l-iktar bħala Ta' Tunuzzu (ta' Antoniuccio, illum (Santunuzzu) forsi għal isem dik il-persuna li bniha.**

Din il-knisja ġiet imwaqqfa mis-Sinjura Margerita Grech, mart il-Kjeriku Antonju Aguis, skond ma jidher mill-atti tan-Nutar Franġisku Alfano ta'l-4 ta' Frar, 1745 (Tagħrif likiseb is-Sur Ġużè Gatt mill-Ġeneoloġija Letard Ciantar Vol. 2). Hija ġuspatronat lajkali.

Dan il-kappella kienet saret viċi-parroċċ a minħabba li għall-eqreb parroċċa kien hemm bogħod sew. Billi l- poplu kien kiber ħafna, l-abitanti ta' Via San Giuseppe bdew igergru fuq iċ-ċokon tal-knisja u fit-22 ta' Novembru, 1982, Gio Batta Muscat u Giuseppe Tonna, f'isem il-poplu kollu, ressqu rikors quddiem l-Awtoritajiet Eklesjastiċi fejn qalu li l-poplu issa laħaq mal-5,000 ruħ u l-knisja tal-Portu Salvu saret żgħira wisq, u li ħafna nies kienu qed jibqgħu bla quddies. Huma gergru wkoll li l-Baruni Galea, li tiegħu hi ġuspatronat, kien qed iheddidhom li jagħlaqha. Qalu wkoll li t-tliet parroċċi li l-ġurisdizzjoni tagħhom

# IL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-PORTO SALVU

tasal sa hemm, ma jibagħtux qassisin biżżejjed għal-ħteġijiet tal-poplu. Huma talbu lill-Awtoritajiet sabiex ituhom il-permess li jew jibnu knisja ġdida jew ikabbru dik li hemm, issa li kien hemm min ried joħroġ il-flus.

Kopja ta' din l-ittra ntbagħtet il-Vatikan. Bla dubju oppożizzjoni minn min ma kienx jaqbel kien hemm ukoll u t-tfixkil ma kienx jonqos. Tidher li dil-biċċa ġibdet fit-tul għaliex l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet.

Il-knijsa fiha għamla ta' kaxxa kwadra madwar timintax-il pied fuq kull naħa, b'qatgħa wiesgħa fuq kull naħa jżommu arkata rqiqa; u dawn jifilħu ċ-ċirku tal-koppla.

Fiha artal wieħed u bieb fil-ġenb jagħti għall-kuridur, li jaqsam wieħed mill-ġnieb tal-knisja. Minkejja ċ-ċokon tagħha l-knisja fiha faċċata sabiħa ħafna. Iż-żewġ pilastri twal Korinti għandhom pilastri Doriċi ftit baxxi, iġennbuhom, u weqfin fuq bażi baxxi. Il-perit ta' din il-knisja mhux magħruf, iżda hemm xebħ bejn l-ornamenti fuq il-ħajt tal-knisja u l-bieb ta'l-Armerija tal-palazz Maġistrali tal-Belt.

Għalkemm il-knisja hija dedikata lill-Portu Salvu skond ma juri l-kwadru ewlieni, l-artal huwa dedikat lill-Viżatazzjoni tal-Madonna skond lapida mwaħħla fil-knisja stess fejn turi l-konċessjoni mogħtija mill-Papa Klement XIII, maħruġa fis-16 ta' Settembru, 1736 u mwaqqfa mill-fundaturi ta'l-istess kappella.

Fil-31 ta' Awissu 1645 ġiet imbierka wara li kienet mibnija minn Pancrazju Briffa. Dan ġie nnutat min-nutar Michele Ralli. Reġgħet ġiet mibnija minn Margerita mart il-Kjeriku Antonju Aguis (li minn ismu aktarx ġej l-isem) u mbierka mill-Isqof Alpheran De Bussan fil-1750. Margerita waqqfet legat tal-BVM del Porto Salvo.

Mal-knisja hemm sagristija ħelwa li għandha artal wieħed. fuqu nisbu l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u ieħor tal-FuNdatriċi, li kien ġie mnaddaf fl-1954. Fil-knisja hemm il-kwadri ta' S. Nikola, Isqof, S. Rokku, il-Flaġelazzjoni, id-Duluri, S. Liena, li kollha huma ta' id tajba ħafna.

F'nofsha għandha koppla ħelwa u fuq il-forntispizju jinsab salib bi tlieta li ssibu biss fuq il-Bażiliċi. (Igħidu li l-knejjes Spanjoli jġibu fil-knejjes tagħhom is-Salib maqtugħ bi tnjen bħal ta' din il-knisja, għalkemm mhux magħruf li din il-kappella tgawdi xi drittijiet bħalma jgawdu bażiliċi oħra).

Ma' din il-knisja hemm dar żgħira.

Fil-bidu ta' Ġunju, 1941, il-Patrijiet Karmelitani Skalzi ġew jistkennu mill-qilla ta' l-għadu f'din il-kappella u ħadu wkoll id-dar li hemm tmiss magħha. Wara ħafna xogħol li għamlu l-Patrijiet biex kisbuha u għamluha Vikarjat, huma telquha fit-8 ta' Settembru, 1943, għaliex kienu fetħu Santa Tereża ta' Bormla.